MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 575/2012

**Joseph Spiteri K.I. 706659(M)**

**vs.**

**John u Rita konjuġi Tonna**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2012, li permezz tiegħu:
l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elf erba' mija u wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1421.35) rappreżentanti:

(a) Inkwantu għal elf u erbatax-il ewro u disgħin ċenteżmu (€1014.90) rappreżentanti import fuq erba' kambjali li skadew fis-7 ta' Novembru u s-7 ta' Diċembru 2006, fis-7 ta' Jannar u s-7 ta' Frar 2007 – hekk kif jirriżulta mill-erba' kambjali annessi u mmarkati bħala Dok JS.1 sa JS.4; u

(b) Inkwantu għal erba' mija u sitt Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€406.45) dovuti fuq multi u ċitazzjonijiet imħallsa mill-attur għan-nom tal-konvenuti u fuq ordni tagħhom stess;

u liema somma l-konvenuti ma ħallsux lill-attur minkejja illi ġew debitament interpellati sabiex jagħmlu dan permezz ta' ittra uffiċjali datata 28 ta' Frar 2011.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma issa stess inġunti għas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ippreżentaw ir-**risposta** tagħhom fis-26 ta' Settembru 2012, fejn huma eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi hekk kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-vettura mertu tal-kambjali msemmija kienet afflitta minn difetti u ma kinetx tal-kwalità patwita tant illi l-persuna li favur tiegħu nħarġet il-kambjala u sussegwentement il-persuna li favur tagħha ġew raġġirati l-kambjali aċċettaw li jieħdu u fil-fatt ħadu l-pussess lura tal-imsemmija vettura u konsegwentement wara li rriprendew il-vettura aċċettaw illi l-ebda somma m'hija dovuta mill-konvenuti;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda prodotti mill-attur.

Ra illi minkejja li t-Tribunal alloka tliet seduti għas-smigħ tal-provi tal-konvenuti u cioe tat-12 ta' Lulju 2013, 15 ta' Novembru 2013, 10 ta' Jannar 2014, dawna la qatt ma dehru u lanqas ipproduċew ebda prova in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom, u għaldaqstant it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenuti magħluqa;

Ra l-verbal tal-10 ta' Jannar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza, in difett t'ostaklu.

**Xhieda**

Sema lill-attur **Joseph Spiteri** jgħid li huwa kien is-sid tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBR 878 tal-għamla Volvo. Huwa spjega li biegħ din il-vettura lill-konvenut John Tonna bil-prezz ta' elf u tliet mitt Lira Maltin (Lm1,300) u dan Tonna kien xtaq illi jħallasha bin-nifs u għalhekk kien resaq biex jiffirma sett ta' kambjali, li kienu saru favur id-dealer, ċertu Joseph Azzopardi, u raġġirati (endorsed) favur l-attur. Fil-bidu, il-pagamenti kienu puntwali iżda imbagħad il-konvenut beda jaqa' lura u saħansitra l-pagamenti kienu waqfu. Sussegwentement il-partijiet kienu waslu fi ftehm li l-konvenut ser jibda jħallas ħamsin lira Maltija (Lm50) fix-xahar u dana b'effett minn Marzu tal-2008. Qal li minkejja li għaddew sitt xhur ma rċieva l-ebda pagament. Ikkonferma illi l-konvenut għandu jagħtih is-somma ta' elf, erba' mija, wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,421.35). Spjega li mill-ammont li qed jitlob mill-konvenut is-somma ta' erba' mija u sitt Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€406.45) hija dovuta fuq multi u ċitazzjonijiet dovuti lill-ADT mill-konvenut li spiċċa jħallashom l-attur sabiex il-vettura setgħet tiġi trasferita fuq terzi. Il-konvenut baqa' ma ħallsux, la l-bilanċ tal-prezz tal-karozza u lanqas il-multi u ċ-ċitazzjonijiet imposti fuqha.

Sema lil **Joseph Azzopardi** li kien ġie involut bħala dealer bejn il-partijiet li spjega li kienu avviċinawh il-konvenuti li wrew ix-xewqa li jixtru il-vettura in kwistjoni u fil-fatt kien laqqagħhom mas-sid (l-attur) li huwa ħabib tiegħu. Il-konvenuti kienu wrew ix-xewqa li jagħmlu l-pagamenti bin-nifs. Il-prezz tal-bejgħ illi ftehmu l-partijiet kien ta' tlettax-il mitt lira Maltija (Lm1300). Qal illi fil-bidu il-pagamenti, li kienu ta' ċirka mitt lira (Lm100) fix-xahar, kienu qed jitħallsu iżda iktar tard dawn il-pagamenti waqfu. Qal illi huwa assista lill-attur biex jiġbor il-pagament f'ħames okkażjonijiet żgur billi kienu jmorru Manoel Island fejn il-konvenut jiġġestixxi ħanut. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienux jirrilaxxaw irċevuta lill-konvenut meta kien isir il-ħlas, qal illi huma kienu jħallulu kambjala u dan peress illi meta sar il-ftehim kienu ġew iffirmati sett ta' kambjali u ma' kull pagament huma kienu jirritornawlu il-kambjala relattiva.

Sema lil **Stephen Cachia** rappreżentant ta' Transport Malta illi kkonferma li l-vettura li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni FBR-878 hija vettura tal-marka Volvo tal-kulur iswed li hija rreġistrata f'isem ċertu John Tonna li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 209352M. Din il-vettura ilha hekk reġistrata mit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena 2006. Ikkonferma wkoll illi sar pagament versu Transport Malta ta' erba mija u sitt Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€406.45) liema pagament sar fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena 2009. Dan il-pagament kien jikkomprendi fih is-segwenti ħlasijiet: €207 għall-liċenzja, €48 ħlas amministrattiv, €46.65 għal ċitazzjoni u €104.80 għal liċenzja oħra. Ikkonferma illi mill-2006 sal-lum ma sar l-ebda bdil fir-reġistrazzjoni ta' din il-vettura u cioe' li hija għadha ssejjaħ lis-Sur John Tonna.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkonsidra illi l-attur ta spjegazzjoni xierqa għall-ammont minnu pretiż, inkluż billi ppreżenta dokumenti in sostenn tat-talba tiegħu. Huwa kkonferma

bil-ġurament illi l-ammont minnu pretiż baqa’ ma tħallasx mill-konvenuti. Ix-xhieda tiegħu hija korraborata wkoll mix-xhieda ta’ Joseph Azzopardi, li kien laqqa l-partijiet u wassalhom għall-bejgħ.

Ikkonsidra wkoll illi l-ammont imħallas lil Transport Malta, ġie kkonfermat mir-rappreżentant tagħha.

Il-konvenuti min-naħa tagħha għażlu li ma jixhdux u lanqas ma pprovdew xi xhud in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom.

It-Tribunal ikkonsidra wkoll li l-konvenuti bl-ebda mod ma kkontestaw l-evidenza prodotta min-naħa attriċi, minkejja li kellhom ampjament opportunita li jagħmlu dan, u għaldaqstant, għal din ir-raġuni wkoll, it-Tribunal jagħżel li jemmen il-verżjoni tal-fatti mistqarra mill-attur.

Konsegwentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fl-ammont minnu pretiż ta’ elf, erba’ mija, wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,421.35). Huwa tal-fehma wkoll illi l-ammont mitlub ġie sodisfaċentement ippruvat.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din il-kawża billi għar-raġunijiet suesposti, jilqa’ t-talba tal-attur, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u konsegwentement, jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-attur is-somma ta’ elf, erba’ mija, wieħed u għoxrin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€1,421.35), bl-imgħax legali dekorribbli in kwantu l-bilanċ tal-prezz tal-vettura, mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala, filwaqt illi l-imgħax fuq is-somma ta’ €406.45 imħallsa lil Transport Malta, ikun dekorribbli mill-21 t’Awwissu 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a karigu tal-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------